MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 908/2002

**Marco Delicata**

**vs**

**Carol Delicata Gobey**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici tas-6 ta' Awissu 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fl-24 ta' Gunju 1994 fil-Knisja l-Qadima, Birkirkara, skond ma rrizulta mic-cerifikat taz-zwieg mehmuz u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi dan iz-zwieg huwa null peress:-

Illi l-kunsens tal-konvenuta vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew

Illi l-kunsens ta' l-attur kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fl-24 ta' Gunju 1994 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawn ir-ragunijiet, skond l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-att dwar iz-zwieg Kap 255**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa mharrka biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-18 ta' Novembru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tawtorizza li l-konvenuta tigi notifikata bl-appuntament tas-smigh tal-kawza wara l-hinijiet legali;

Rat id-digriet tad-19 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2002 fejn inghata digriet ta' l-affidavits attrici b'terminu ta' sittin (60) jum;

Rat li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata *a tergo* ta' fol. 19 hija baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci;

Rat in-nota ta’ l-attur tat-3 ta’ Frar 2003 fejn permezz taghha pprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura ta’ l-affidavits;

Rat il-verbali tas-seduti ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni peress li t-terminu ghall-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet kien ghadu ma skadiex; tat-13 ta’ Marzu 2003 fejn Dr. Mariella Wettinger ghall-attur, iddikjarat li l-kawza tista’ tibqa` differita ghas-sentenza bil-fakolta` lill-konvenuta li tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>i) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-**atturi** xehed bil-procedura ta’ l-affidavit fejn sostna:-

*“Illi jiena ltqajt mal-mara tieghi Carol Gobey meta kelli 28 sena u hi kellha 24 sena. Bdejna nohorgu flimkien fl-ahhar tas-sena 1992 u zzewwigna sentejn wara u cjoe’ fl-24 ta’ Gunju 1994. Minn dan iz-zwieg kellna tifla, Amy li twieldet f’Mejju 1996. Ahna nfridna fil-31 ta’ Jannar 2002 u jiena ftaht il-proceduri ta’ l-annullament taz-zwieg quddiem din il-Qorti f’Awissu 2002.*

*Illi fil-familja tieghi jiena ghandi zewg huti subien izghar minni Simon twieled hames snin warajja u David xi hmistax-il sena wara. Ir-relazzjoni tal-genituri kienet wahda normali u kienu jiehdu hsiebna hafna. Jiena peress li kont il-kbir kelli hafna attenzjoni mill-mama’, u bhala tifel kont inhoss l-obbligu li dejjem nobdi. L-istudju ma tantx kont inhobbu imma kont niehu gost indoqq il-pjanu. Fil-fatt meta kelli sittax-il sena bdejt nikkoncentra aktar fuq il-muzika u gibt l-LRSM. Wara li lestejt is-Sixth Form dhalt*

*ghal-kors paramediku ta’ podolgist, imma tlift l-ahhar sena ghaliex mort l-Italja fuq scholarship biex nistudja l-muzika ghal sena. Meta gejt lura komplejt il-kors u ggradwajt fl-1987.*

*Illi mal-genituri tieghi jiena kelli relazzjoni normali, ghalkemm jiena ma kontx it-tip li nitkellem maghhom fuq kollox specjalment dwar dak li nhoss u li nixtieq. Kont tghallimt ma’ niftahx qalbi maghhom minhabba li kont nibza` li jindahluli zzejjed kif fil-fatt kienu jaghmlu, specjalment il-mama’. Fil-fatt din kienet rasha iebsa u taghha biss tajjeb u kien ikolli ncedi gbal dak kollu li trid hi. Jiena kont naghmel sforz biex nipprova nikkuntentaha imma kont insib li mhux dejjem kien ikun possibbli u allura kont insib il-metodu biex nevita s-sikkatura zejda billi nghid* iva ghal kollox u mbaghad naghmel fattija. *Huma kienu jezercitaw dixxiplina fuqi u fuq huti imma jiena peress li kont il-kbir kien ikolli noqgbod ghalihom aktar u ma kontx nissogra indum barra bhal ma fil-fatt kienu jaghmlu huti z-zghar eventwalment.*

*Illi waqt is-Sixth Form kont ltqajt ma’ Jacqueline Attard. Bdejna nohorgu flimkien bhala hbieb ghall-bidu u mbaghad komplejna bis-serjeta’. Il-genituri tieghi mill-ewwel bdew joggezzjonawli ghal din il-hbiberija ghax deherilhom li kont ghadni zghir wisq. Il-mama’ tant bdiet tinsisti li jiena spiccajt webbist rasi u ghalaqt widnejja ghal kull ma bdiet tghidli u komplejt bil-hbiberija li ftit ftit saret relazzjoni serja. Domt ma’ Jacqueline hames snin b’kollox imma minhabba l-pressjoni kontinwa u estrema minn naha tal-familja tieghi kelli nitlaqha. Barra minn din il-pressjoni tal-familja, kien hemm ukoll certu differenzi bazici li kienu mportanti. Per ezempju Jacqueline kienet tahdem u jiena kont ghadni nistudja u ghalhekk kelli nisma’ mill-genituri tieghi u ntemm ir-relazzjoni. Dan kien kontra qalbi u l-firda kienet iebsa hafna ghalija ghax kont sirt inhobbha. Ma wrejt lil hadd li kont qed inbaghti daqstant imma kienet giet l-opportunita` mmur l-Italja nistudja ghal sena fuq scholarship u kelli c-cans nohrog mir-relazzjoni u jibda jghaddili bil-mod. Meta gejt lura kont ergajt iltqajt ma’ Jacqueline ghax konna ghadna ninhabbu imma wara li tkellimna fit-tul, iddecidejna li kien ikun prezz*

*ghali wisq li nkomplu nisfidaw lill-genituri tieghi billi nkomplu bir-relazzjoni.*

*Illi xi xahar wara bdejt nohrog ma' Marina Fenech, tfajla li kont ili naf minn tfuliti meta kont nattendi l-iskola tal-muzika. Minn naha tal-genituri ma kellix oppozizzjoni din id-darba u ghamilna l-ewwel tliet snin tajjeb hafna. Konna ferhanin hafna b'xulxin ghax kellna ammirazzjoni reciproka. Jiena kont bdejt nabdem u hi kienet ghadha tistudja. Dak iz-zmien jiena kelli 27 sena u bdejt nahseb biex nixtri dar u nibdew nahsbu biex nissetiljaw, imma Marina ma wrietx l-istess entuzjazmu. Hi ma kinitx ghadha lesta li tizzewweg. Jiena hsibt li wara erba' snin stajna nibdew nippjanaw hajjitna flimkien, imma hi ma riditx. Dak iz-zmien bdew joghlew il-prezzijiet u jiena deherli li ahjar infittex nahseb nixtri dar, u allavolja hi ma ppartecipatx, kont xtrajt dar.*
*Illi ftit ftit ir-relazzjoni taghna bdiet tmut u bdejna niehdu breaks qosra minn xulxin. Il-komunikazzjoni bejnietna naqset sewwa u minkejja l-isforzi tieghi biex nirranga, hi baqghet l-istess. Jiena ridt nizzewweg wara hames snin flimkien u dan l-ostakolu ladarba ma stajtx neghelbu wahdi, kelli niddeciedi li naqta` minn maghha kontra qalbi. Jiena kont inhobbha hafna imma meta rajtha li ma kellhiex interess li tizzewweg (fil-fatt ghada sa llum mhix mizzewga b'ghazla taghha), kelli nahseb ghar-rasi. Qabel ma hadt id-decizjoni finali, kont waqaft minn maghha xi darbtejn imma kull darba kont immur lura ghaliha ghax ma stajtx naccetta l-fatt li ser ninfirdu.*

*Illi l-fatt li kelli niehu d-decizjoni wahdi kienet iebsa hafna ghalija u hassejtni hati tad-decizjoni li hadt u tal-mod kif ghamilt l-affarijiet. Fil-fatt biex insib is-sahha li nohrog minnha kont iddecidejt li nibda` nohrog ma' tfajla ohra waqt wiehed minn dawn il-breaks li kellna. Fil-fatt sfurzajt lili nnifsi biex nibda nohrog ma' Carol ghax kont naf li d-differenzi ta' bejnietna kienu kbar wisq. Barra minn hekk, l-interessi tieghi assolutament ma kenux jaqblu ma' ta' Carol u jiena kont naf li din kienet ser tkun problema ghalija ghax ma' Marina kont naqbel f'kollox. Mill-bidu nett li bdejt nohrog maghha avzajt lill-mama` tieghi li Carol ma kenitx ta' l-istess background taghna u ma kinitx pedigree*

*kif xtaqitha hi. Kont ghidtilha li Carol kellha l-istess xoghol tieghi u li flimkien konna ppruvajna naghmlu negozju zghir bil-professjoni taghna.*

*Illi tista' tghid hi jiena u Carol kellna background differenti. Il-genituri ta' Carol ma tantx kellhom edukazzjoni. Kienu rabbew lit-tfal tajjeb u b'sens ta' dixxiplina imma ma tantx kienu jinkoragguhom ghall-istudju. Fil-fatt Carol dejjem kienet tghid li kellha taghmel kollox hi biex tistudja. Kienet tghid li kienet baghtiet hafna ghaliex ma kellhiex is-support tal-familja bhali u li kienet lahqet bl-inizjattiva taghha biss. Illi kienet dejjem tghajjarni u takkuzani li jiena dejjem sibt kollox lest u li qatt ma kelli niehu decizjonijiet ghaliex kien hemm il-genituri tieghi li kienu jehduhom ghalija. Dan ma kienx veru. Kienet dejjem tghajjarni li kien hemm distanza bejnietna imma dan ma kienx vera ghaliex mill-bidu nett tar-relazzjoni taghna, jiena kont naghmel minn kollox biex ninkludiha fl-affarijiet tieghi ghax ridtha tkun kuntenta.*

*Illi missier Carol ma kienx jahdem u kien dejjem joqghod id-dar. Kienet il-mama' ta' Carol li kellha tahdem biex tipprovdi ghall-familja. It-tfal kollha ghandhom low self-esteem ta' missierhom u dejjem kienu jghajjruh ghazzien. Il-background taghhom kien tant effettwa lit-tfal li l-ahwa kollha jbghatu minn inferiority complex. Carol ukoll kienet tbaghti hafna minn dan il-complex ghalkemm kienet tipprova tghattih b'superiorily complex. Il-genituri taghha ma tantx kienu close tat-tfal. Fil-fatt huma qatt ma kienu wrew interess fir-relazzjoni taghna. Lanqas meta konna qed nirrangaw id-dar, huma qatt ma kienu gew jghinuna jew urew xi tip ta' interess.*

*Illi mill-bidu nett tar-relazzjoni sibt lili nnifsi nqabbel lil Carol ma' Marina. Ippruvajt nehda u nikkonvinci lili nnifsi li Carol kienet it-tfajla tajba ghalija, imma xorta ma kontx kuntent. Sadanittant mohhi dejjem jhewden fuq Marina u dejjem nistaqsi lil hija u lill-habib komuni taghna, certu Henry, dwar kif inhi u x'qeghda taghmel. Kont insaqsihom jekk kinitx qed tohrog ma' xi hadd ukoll. Din l-ossessjoni kienet ikbar minni tant li ma stajt naghmel xejn biex*

*naljena rasi u ma nibqax nahseb dwar Marina ghaliex xorta wahda nerga` naqa` f'hekk. Kont bdejt inbaghti bi spells ta' moods ta' dwejjaq u buri. Tant kont ghadni nahseb f'Marina li anki meta jiena u Carol konna nohorgu, jiena nista' nghid li qatt ma kont komdu maghha. Dan ghaliex kont dejjem nibza' li ha nara lil Marina u ghalhekk ma kontx inhossni at ease.*

*Illi madanakollu lil Carol dahhaltha d-dar wara ftit xhur u lill-mama` tajtha x'tifhem li jiena kont naf x'kont qed naghmel u li kont hadt id-decizjoni tajba u finali. Sadanittant kont qed nipprova nikkonvinci lili nnifsi li hekk hu. Il-genituri tieghi ma opponewx ir-relazzjoni u accettaw lil Carol. Fil-fatt hi kienet tigi ta' spiss id-dar taghna.*

*Illi jiena bqajt nahseb dwar Marina ghal hafna zmien wara li spiccajna u fil-fatt anki matul l-gherusija tieghi ma' Carol kont ta' sikwit nahseb fuq Marina. Wara ftit xhur li bdejt nohrog ma' Carol kellna xi zewg breaks fejn jiena kont ergajt mort lura ghal Marina peress li kont ghadni nahseb fuqha. Imma qatt ma rgajna bdejna r-relazzjoni taghna u jiena kont dejjem mmur lura ghal Carol. Niftakar li kont sirt naqa' f'moods u ma kontx nitkellem. Carol kienet tinduna b'dawn il-moods u kienet taf ukoll li r-raguni ghalihom kienet Marina.*

*Illi r-relazzjoni tieghi ma' Carol kienet tidher normali ghalkemm jiena kont naf li ma kinitx hekk. Carol kienet taf li l-affarijiet ma kinux sejrin kif suppost ghaliex nahseb li kienet thoss li fir-relazzjoni taghna kien hemm xi haga nieqsa imma qatt ma kienet tghid xejn ghalkemm kienet titlobni breaks tul l-eghrusija. Jiena kont dejjem immur lura ghaliha u konna nergghu lura flinkien. Kienet takkuzani li ghadni nghix relazzjonijiet passati u li ma kontx bhalha ghaliex hi kienet kapaci tgbaddi minn relazzjoni ghall-ohra minghajr diffikulta'.*

*Illi ghalkemm jiena kont ghadni nahseb dwar Marina xorta bqajt ghaddej bir-relazzjoni ma' Carol. Kien hemm hafna fatturi li kienu favurina. L-ewwel nett jiena kelli post lest peress li kont xtrajtu qabel ma' bdejt nohrog ma' Carol u allura ma kellniex problemi finanzjarji ta' loans, ecc. Minn*

*naha taghha Carol kienet accettat li mmorru noqoghdu fid-dar li kont xtrajt. Kienet turi hafna interess sabiex nirrangaw il-post halli inlestuh u fil-fatt kienet tigi mieghi sabiex nirrangaw l-affarjiet. Nista' nghid li kien hemm certi affarijiet fid-dar li kienet ghazlithom Carol peress li jiena ma kontx kapaci niehu decizjoni. Jiena kont niehu gost nara l-interess ta' Carol fid-dar u kont nara d-differenza bejnha u bejn Marina li ma kinitx tinteressa ruhha biex nakkwistaw dar u nahsbu ghaz-zwieg. Kont nara li Carol kienet iktar lesta ghaz-zwieg u kont nahseb li kienet lesta li tibni familja; haga li ridt jiena. Kien gbalhekk li komplejt bir-relazzjoni taghna.*

*Illi izda lil Carol jiena qatt ma sirt nafha verament. L-ewwel nett kien hemm il-fatt li jiena kont nafha qabel ma' bdejt nohrog maghha peress li kellna l-istess professjoni u ghalhekk qatt ma ppruvajt nsir naf iktar dwarha u l-karattru taghha. Fil-fatt qatt ma analizzajt id-dettalji tal-karattru taghha. L-istess haga tista' tghid grat minn naha taghha. Fil-fatt mill-bidu tar-relazzjoni taghha, ahna qatt ma ppruvajna niskopru lil xulxin sew peress li diga` konna nafu li xi ftit jew wisq dwar xulxin. Ir-relazzjoni taghna kienet ibbazata fuq il-fatt li nirrangaw id-dar sabiex inkunu nistghu nizzewgu.*

*Illi r-relazzjoni taghna kompliet miexja izda jiena kont ghadni nahseb dwar Marina u kont dejjem inqabbel lil Carol ma' Marina. Fil-fatt kont nara li kien hemm differenzi kbar bejn Carol u Marina. L-ewwel nett Carol kienet kwieta, ma tantx titkellem u tisthi. Jiena kont ippruvajt nghollilha s-self esteem taghha lejha nnfisha. It-tieni nett kont nara li Carol ma tantx kienet turi nteress f'dak li ridt jiena izda kienet aktar  mohhha f'dak li riedet hi. Dawn id-differenzi kienu evidenti ghalija tant li kont anki nkellem lil habib tieghi Henry dwarhom.*

*Illi wara ftit zmien ta' l-gherusija jiena u Carol konna ddecidejna li niffissaw data ghat-tieg. Kienet Carol li ghazlet id-data tat-tieg peress li dejjem kienet tghid li trid tizzewweg. Jiena kont accettajt u bdejna l-preparamenti tat-tieg.  Imma mohhi xorta wahda baqa' jahseb fuq Marina. Fil-fatt tul il-preparamenti kollha jiena kont dejjem*

*insaqsi lili nnifsi jekk dan kienx dak li rrid. Kelli dubji kbar dwar jekk jiena ridtx nizzewweg lil Carol jew le. Jiena ma kontx nghid lill-genituri tieghi b'dawn id-dubji imma l-iktar li kont nitkellem kien ma' Henry. Niftakar li hu kien ixxokkja ruhu meta kont ghidtlu dwar id-dubji tieghi. Kien heggigni biex nahsibha sew u noqghod attent. Niftakar li tant kont bqajt nahseb dwar dawn id-dubji li kont staqsejtu biex ikellem lil Marina u jghidilha li ghandi bzonn inkellimha. Hu kien ghamel hekk u niftakar li lejliet it-tieg kont mort mieghu biex nitkellem ftit ma' Marina. Meta ghidtilha d-dubji tieghi, hi mill-ewwel kienet qaltli biex noqghod attent u nahsibha sew qabel ma naghmel dan il-pass. Fil-fatt kemm Marina kif ukoll Henry ppruvaw jifthuli ghajnejja u naghmel decizjoni tajba ghalija imma jiena ma kontx smajt minnhom u kont mort ghat-tieg.*

*Illi fil-fatt niftakar li dakinhar tat-tieg kelli dubji serji dwar il-ghazla li kont qed naghmel imma ma ridtx inwegga` lil ommi u lanqas lil Carol u ghalhekk kont mort. It-tieg kollox kien mar sewwa u ma kien hemm xejn mhux f'postu.*

*Illi wara t-tieg konna morna noqghodu fid-dar li kont xtrajt jiena u li konna rrangajna flimkien. Ghall-bidu kollox kien miexi sewwa ghalkemm Carol kienet hassitha bi kbira li kellha tbiddel ir-rutina taghha. Fit-fatt ma kenitx thobb taghmel il-facendi u ssajjar. Kienet tgerger hafna minhabba l-facendi u dejjem takkuzani li hi kellha tbiddel ir-rutina taghha filwaqt li jiena ma kelli nbiddel xejn. Mill-bqija l-hajja taghna kienet normali. It-tnejn konna nahdmu u peress li hi ma kenitx issuq kont immur inwassalha jiena filghodu u mbaghad kont gieli mmur ghaliha u gieli kienet tigi lura b'tal-linja. Niftakar li kemm-il darba kont issuggerejt li tixtri karozza imma hi kienet dejjem tghid li tghaddi minghajrha. Kien hemm ukoll perijodu meta kienet accettat li nixtrilha karozza imma imbaghad kellna argument ghaliex ma qbilniex fuq l-ghazla li kienet ghazlet hi u ma xtrajnihiex. Ta' min jghid li wara s-separazzjoni Carol kienet qabdet u xtrat karozza meta jiena kien ilni hafha nghidilha ghaliha.*

*Illi peress li t-tnejn konna nahdmu kellna paga kull wiebed imma Carol kienet izzomm il-paga taghha ghaliha u konna*

*nghixu fuq il-paga tieghi biss. Jiena qatt ma tlabtha xejn mill-flus taghha ghaliex hi dejjem kienet tghid li kienet thallas il-loans li kellha. Fil-fatt Carol kienet xtrat xi ghamara tal-kcina u tal-kamra tas-sodda u kienet isselfet ghalihom hi. Fl-ahhar jiena kont tajtha cekk ta' elf lira biex thallashom u hi xorta baqghet ma hallsithomx. Jiena ma tantx kont nafdaha bil-flus peress li kienet spendthrift hafna. Kienet tmur tonfoq hafna flus fuq hwejjeg u make up.*

*Illi Carol ma kinitx taf torganizza sewwa u fit-fatt ma tantx kienet taf tippjana. Hafna mill-affarijiet kont naghmilhom jiena bhal xi facendi u xiri ta' l-ikel. Hi ma tantx kienet taghmel facendi. Per ezempju ma kinitx tahsel hwejjeg regolarment li gieli kont mmur ghal hwejjeg u nsib li kien ghadhom mahmugin. Jiena nahseb li l-hajja mizzewga ma tantx kienet tghodd ghaliha u li dejjem tgerger li kienet izzewget. Niftakar li wara xi zmien konna dahhalna seftura sabiex tkun tista' tghin lil Carol fil-facendi. Din kienet tigi darba fil-gimgha u tista` tghid li x-xoghol tad-dar kien isir dakinhar biss ghaliex Carol ma kienet taghmel xejn ghaliex kienet tmur ghax-xoghol u meta tigi lura kienet tmur torqod. Lanqas kienet tipprepara qabel ma tigi s-seftura. Niftakar li meta gibna s-seftura Carol kienet qabdet u tatha kopja tac-cavetta minghajr ma qaltli xejn u meta kont ghidtilha b'dan, hi kienet bdiet tgerger u tghidli biex noqghod naghmel ix-xoghol jiena. Din kienet l-attitudni taghha. Lanqas it-tisjir ma kien isir kuljum ghaliex gieli kont nasal id-dar u ma nsib xejn lest. Ghalhekk wara xi zmien kont bdejt immur ghand il-mama' biex niekol peress li almenu hemmhekk kont insib platt shun mentri d-dar ma kont insib xejn. Din il-haga kienet iddejjaqha hafna lil Carol.*

*Illi wara sena u tmien xhur kienet twieldet it-tifla Amy. It-tnejn li ahna konna frahna meta twieldet. Jiena kont kuntent hafna u xtaqt li jkolli dik il-bonding mat-tifla. Wara li kellna t-tifla jiena kont issuggerejtilha biex ikollna iktar tfal imma Carol ma riditx ghaliex qaltli li bizzejjed wahda.*

*Illi niftakar li wara li kellna lit-tifla kienet hadet sena maternity leave biex toqghod maghha. Jiena kont is-sole*

*breadwinner tul dak il-perijodu u peress li kelli hafna loans kelli full time job u iehor part time. Kont nghaddi hafna zmien barra mid-dar. Carol kienet dejjem tgerger ghal dan. Kienet tgerger ukoll ghaliex kienet tghid li ma kontx intiha flus. Jiena kont inhallas kollox mill-paga tieghi, il-kontijiet kollha u kont ukoll naghmel ix-xiri ta' l-ikel, ecc. Mill-mod ta' kif kienet tesprimi ruhha kont nehodha li hi riedet xi paga talli kienet qed toqghod id-dar mat-tifla. Fil-fatt kienet tghidli lli riedet il-flus talli kienet qed toqghod id-dar u tiehu hsiebha. Dan ghaliex kif diga` ghidt qabel Carol kienet telghet indipendenti u ma kienet thobb tiddependi fuq hadd. Jiena qatt ma kont gergirt anzi kont niehu gost nipprovdi ghaliha u ghat-tifla imma hi ma kinitx tista' ghal dan. Anki wara s-separazzjoni hi ppretendiet li jiena naghtiha flus talli hadet il-maternity leave.*

*Illi meta kellna lit-tifla, konna ddecidejna li nbiddlu d-dar u konna xtrajna ohra gewwa B'Kara. Din id-dar kellha bzonn xi xogholijiet u niftakar li peress li t-tnejn konna nahdmu, kien gie l-papa' tieghi biex joqghod mal-haddiema. Fil-fatt il-papa' kien jaghmel hafna xoghol id-dar. Carol qatt ma kienet thossha obbligata lejh jew turi rikonoxxenza ghal dak li kien jaghmel. Fil-fatt qatt ma niftakar li xtrat xi rigal lilu jew lill-mama' bhala apprezzament ghal dak li kienu jaghmlu maghna ghalkemm kienet turi nteress fil-familja taghha. Niftakar li l-mama' kienet tistedinna ghall-ikel nhar ta' Hadd biex inkunu nistghu niltaqghu mal-familja kollha. Carol qatt ma kienet tghid xejn ghal dan u kienet tidher li tiehu gost imma darba minnhom meta cemplitilha l-mama' kienet qaltilha li ahna ma konna ffirmajna l-ebda kuntratt biex immorru hemmhekk nhar ta' Hadd u ghalhekk ma konniex obbligati mmorru.*

*Illi tul iz-zwieg ma niftakarx li qatt kellna argumenti kbar bejnietna. Kien ikollna hafna argumenti imma fuq affarijiet zghar. L-iktar haga li kont inhoss jiena kienet l-imgieba cold li kellha hi. Kont inhoss li ma konniex kuntenti flimkien peress li nhoss li qatt ma konna fuq l-istess wavelength. Meta konna niggieldu, hi kienet tibda` tghajjarni bil-mama' tieghi u tghidli kontriha. Kienet tkun abbuziva verbalment.*

*Illi sadanittant jiena kont dejjem ghadni nahseb li kont ghamilt zball li zzewwigt lil Carol peress li kont naf li din ma kenitx il-persuna li ridt nizzewweg. Jiena kont dejjem nhewden dwar Marina u kemm kienet differenti minn Carol u iktar simili tieghi.*

*Illi xi sena wara li twieldet it-tifla, Carol kienet regghet bdiet tahdem ghalkemm niftakar li kienet nehhiet ix-xoghol privat kollu. Jiena kont ippruvajt nghaddilha xi xoghol imma hi ma riditx.*

*Illi meta kienet tkun xoghol kienet thalli lit-tifla mal-mama' tieghi li kienet offriet li tiehu hsiebha. Il-mama' ta' Carol kienet tahdem u ma setghetx tiehu hsiebha. Carol ma riditx thalliha mal-papa' taghha u niftakar li jiena kont nghidilha li mhux sew iccahdu mit-tifla imma hi dejjem kienet ferma fid-decizjoni taghha li ma tridx thalliha mieghu. Kienet tghid li dak ma kienx kapaci jiehu hsiebha ghaliex ma kien jahseb f'xejn.*

*Illi niftakar li Carol kienet tiehu lit-tifla ghand il-mama' qabel ix-xoghol u terga` tmur ghaliha wara li tispicca. Kienet tehodilha dak kollu li kien ikun hemm bzonn ghat-tifla. Darba minhom niftakar li kienet ippreparat xi ikel ghat-tifla u haditu ghand il-mama'. Meta l-mama' fethet il-bott, kienet xammet riha ta' curry u ddecidiet li ma taghtihx lit-tifla. Niftakar li kienet qalet lil Carol dwar dan u hi rrispondietha li dak kien ftit mill-ikel taghna li kienet ippreparat ghaliha. Ommi ma kienet qaltilha xejn dwar dan imma niftakar li qatt ma kienet taghti lit-tifla l-ikel ta' Carol u kienet issajrilha kollox hi.*

*Illi l-affarijiet komplew sejrin hazin u kien qed ikollna bosta argumenti bejnietna fejn Carol kienet tibda` tghajjat u jiena ma kontx nirrispondiha biex ma nurix lit-tifla li kien hemm xi haga hazina.*

*Illi biex nipprova nirranga s-sitwazzjoni bejnietna, niftakar li kont hadt lil Carol fuq cruise. Kont ippruvajt nikkuntentaha f'kollox. Niftakar li sakemm konna msefrin konna tkellimna dwar il-problemi u konna ddecidejna li nergghu nippruvaw minhabba t-tifla.*

*Illi, imma l-affarijiet ma tantx kienu trangaw u fit-fatt wara li ghadda ftit zmien, kienu regghu feggew il-problemi bejnietna u bdew jaggravaw. Kien ghalhekk li Carol kienet qaltli li l-unika soluzzjoni kienet separazzjoni.*
*Illi matul dan iz-zmien Carol kienet mardet u kellha bzonn titla' ghall-kura l-Ingilterra. Ghalhekk konna ftehmna li ma nghidu xejn lil hadd dwar is-separazzjoni. Meta sirt naf bil-marda ta' Carol kien iddispjacieni hafna ghaliha. Meta ddeccidiet li tmur l-Ingilterra ghall-kura, kienet nfurmatni li kienet ser tiehu maghha habiba taghha li kienet nurse. Jiena accettajt ghaliex kien ghall-gid taghha. Konna ftehmna li jiena ghandi nitla' xi ftit zmien wara u Carol kienet qablet mieghi ghalkemm zmien wara bdiet takkuzani li ma tlajtx maghha. Fil-fatt jiena kont tlajt xi hamest ijiem. Niftakar li l-genituri tieghi kienu haduha kontrijja ghaliex ma kontx tlajt mill-ewwel.*

*Illi meta siefret Carol kienet halliet it-tifla ghand il-mama' tieghi. Niftakar li tat iz-zmien li kienet l-Ingilterra l-genituri tieghi kienu hadu nteress kbir f'Carol. Kienu jcemplulha kuljum biex jaraw kif inhi. Kienu wkoll ihajru lit-tifla biex tkellem lil Carol halli tkun tista' sserrah mohhha li kollox kien sew. Il-genituri ta' Carol ma tantx kienu wrew nteress f'Amy. Fit-fatt rari kienu jmorru jarawha u meta kienu jmorru, ma kenux idumu ghaliex kienu jgibu l-iskuza li kienu sejrin x'imkien iehor. Niftakar li darba minnhom il-papa' ta' Carol ried jehodha xi ftit u omrni kellha l-ikel lest biex titmaghha u qaltlu li ma jistax jehodha ghalissa ghax kienet ser tiekol imma hu fehmha li ma riditx taghtihielu u niftakar li kien inqala' xi flit inkwiet. Il-genituri ta' Carol kienu qalu b'dan l-incident lil Carol u meta giet lura mill-Ingilterra, kienet giet id-dar tal-mama' u bdiet tghajjar lili u lill-mama'. Il-genituri tieghi kienu marru jkellmuha dwar dan l-incident imma hi ma riditx tisma' u keccieth om 'l barra. Meta kont mort id-dar kienet bdiet tghajjat u tghidli li kienu marru u tawha l-kedded apposta. Dan ma kienx veru.*

*Illi tul iz-zmien li ghamilt l-Ingilterra kont naghti support lil Carol u naghmlilha l-kuragg imma hi ma riditx taccetta l-attenzjoni tieghi. Kienet qaltli biex immur nghid lil ommi li*

*ghandha kaz ta’ annullament. Stajt ninduna li hi kienet ghadha deciza rigward is-separazzjoni u li l-kundizzjoni taghha ma kienet bidlet xejn fiha. Niftakar li wara ftit zmien kienet telghet ohtha l-Ingilterra u Carol kienet qaltilha biex tmur tghid lill-genituri taghha li konna ser nisseparaw. Fil-fatt hi hekk ghamlet ghalkemm il-verzjoni tal-fatti li rrakkuntaw kienet wahda differenti hafna tant li kien inqala` l-inkwiet bejn il-familji taghna.*

*Illi wara li giet lura mill-Ingilterra, kienet habbret lil kulhadd li konna ser nisseparaw. Niftakar li l-genituri tieghi haduha bi kbira hafna li kienu ppruvaw jirrikonciljawna imma kien kollu ta’ xejn ghaliex Carol kienet deciza. Ghalhekk konna bdejna l-proceduri ghal separazzjoni bonarja u wara xi tmien xhur trattativi, konna ffirmajna l-kuntratt tas-separazzjoni.*

*Illi tul iz-zwieg taghna, lanqas qatt ma rajt xi att ta’ imhabba minghand Carol tant li jiena bdejt nahseb li hi qatt ma kienet thobbni. Nahseb li l-uniku raguni ghalfejn Carol kienet izzewget kien il-fatt li sabet kollox lest jigifieri kellha dar lesta u jiena kelli job tajjeb, ghalhekk kont forma ta’ sigurta` ghaliha. Nahseb li hi ma kenitx taf x’ifisser zwieg u ma kinitx lesta li tiehu fuqha r-responsabbiltajiet taz-zwieg.*

*Illi jiena minn naha tieghi ma stajtx inhobb lil Carol ghaliex qatt ma kont habbejtha u kont ghadni nahseb f’Marina sa dakinhar tat-tieg stess.”*

Illi gew prezentati wkoll sitt xhieda ohra mill-attur li taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura ta’ l-affidavit u hawn huma: **Mary Delicata** (a fol. 29), **Carmel Delicata** (a fol. 41), **Simon Delicata** (a fol. 47), **Henry Abela** (a fol. 51), **Jacqueline Cutajar** (a fol. 54), u **Marina Fenech** (a fol. 57).

## ii) Principji Legali.

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) u tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur jissottometti li z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995); "**Theresa Mangion vs Keith Mangion**" (P.A. (RCP) 30 ta' Dicembru 2002 Cit Nru: 356/01/RCP).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** "**Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***"Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).
Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per*

*l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

"*… … ... se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,* "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs**

**Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-
*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi minn naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-
"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi fil-kuntest ta' dak li nghad fir-rigward ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** japplika wkoll dak li nghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) u cjoe':-

*"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jghati il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mario Testa vs Louise Testa Polster"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"Fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg".*

Illi ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied.* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u

r-responsabbilta' tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

**iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi f'din il-kawza l-unika prova li ingabhet kien biss minn naha ta' l-attur u allura l-verzjoni tal-konvenuta hija kompletament assenti mill-atti ta' din il-kawza, u dan ghaliex l-istess konvenuta baqghet ukoll kontumaci.

Illi pero' l-kontumacja hija skond il-gurisprudenza nostrali wkoll oppozizzjoni, u f'ambitu tal-ligi dwar iz-zwieg din ghandha mportanza partikolari, ghaliex l-istitut taz-zwieg u l-principji u r-regoli tieghu huma tali li l-Qrati dejjem ghandhom ikunu attenti li jiddefendu dan l-istitut li huwa sa llum il-bazi tas-socjeta' taghna, u ghalhekk kull allegazzjoni dwar nullita' taz-zwieg trid tigi ppruvata skond ir-regoli vigenti sostantivi u ta' procedura, u dan japplika anke fil-kaz ta' ammissjoni *da parte* ghall-istess allegazzjonijiet.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern din il-Qorti hija ghalhekk konxja mir-responsabbiltajiet taghha li tara li l-istess annullament taz-zwieg rikjest veru jissussisti u dan imur hafna *oltre* mill-konsiderazzjoni li z-zwieg bejn il-partijiet ikun falla; sabiex ikun hemm nullita' taz-zwieg irid jigi ppruvat li l-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat gravament fil-mument propizju taz-zwieg u dan fuq il-bazijiet jew wahda minnhom, li huma permessibbli skond il-ligi, b'dan li jirrizulta b'mod car lill-gudikant li tali kuntratt taz-zwieg ikun difettuz *ab initio.*

Illi taht dan l-aspett u *in vista* tal-fatt li l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova, din il-Qorti hija konxja mill-fatt li qed tisma' verzjoni wahda biss dwar dak li allegatament iwassal ghall-konsiderazzjoni tat-talba attrici, pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mix-xhieda kollha prodotta mill-attur u mix-xhieda minnu prodotti jirrizulta li hemm materjali bizzejjed sabiex din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni taghha, ghalkemm jinghad li ix-xhieda attwalment moghtija mill-attur mhix ghal kollox relevanti ghall-punti in ezami f'din id-decizjoni.

Illi inant mill-provi prodotti jidher li l-istess attur ma kellu kwazi ebda emozzjoni ta' xejn lejn il-konvenuta u dan ghas-semplici raguni li l-istess konvenuta ma kenitx it-tfajla jew mara li l-attur kien verament ihobb; anzi jidher li l-istess attur kien ihobb persuna ohra li r-relazzjoni maghha waqfet hesrem peress li skond huwa l-genituri tieghu ma kenux approvaw l-unjoni tieghu maghha, u jidher li l-attur ceda ghal din l-intromissjoni tal-genituri tieghu f'hajtu. Haga li jidher li jiddispjacih li ghamel sa llum, u din kienet fil-fatt il-veru raguni ghall-kollass totali taz-zwieg tieghu mal-konvenuta, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti qatt ma seta` jirnexxi, *stante* li l-attur qatt ma kien deciz dwar ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, kemm meta kien johrog maghha qabel iz-zwieg u kemm fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens tieghu, u kemm ukoll wara z-zwieg.

Illi fil-fatt dak li wassal lill-attur sabiex jiddeciedi li jaccetta l-proposta tal-konvenuta li tizzewgu kien biss il-fatt li materjalment huwa kellu diga` post fejn joqghod u allura ma kienx hemm problemi fejn kienu ser joqghodu wara z-

zwieg; ma dan konsiderazzjonijiet ohra li skond l-attur wassluh sabiex jidhol f'din is-sitwazzjoni ghalkemm ma kien xejn cert dwarha kien il-fatt li l-genituri tieghu, a differenza minn relazzjonijiet ohra li l-istess attur kellhu ma''tfajliet ohra, kienu li l-genituri tieghu approvaw din l-unjoni u fl-ahhar u mhux l-inqas li ghalih u ghall-genituri tieghu kien wassal iz-zmien li jizzewweg.

Illi minn hawn wiehed jara kif il-kunsens ta' l-attur kien ghal kollox ibbazat fuq percezzjonijiet li kienu ghal kollox indipendenti mill-persuna tal-konvenuta, li juru wkoll bic-car li l-istess attur ma kellu l-ebda emozzjoni u wisq inqas imhabba ghall-istess konvenuta, u fil-fatt tul ix-xhieda twila tieghu ma jaghmel qatt ebda riferenza ghal dak li kien suppost ihoss lejn l-konvenuta; anzi jaghmilha cara mix-xhieda tieghu u minn dik prodotta mill-hbieb tieghu inkluzi **Henry Abela, Jacqueline Cutajar,** u l-istess **Marina Fenech,** li maghha kien johrog qabel ma' hareg mal-konvenuta, li huwa kellu dubbji kbar dwar il-pass li huwa kien ser jiehu mal-konvenuta ghaz-zwieg u kien kontinwament qabel iz-zwieg iqabbel dak li kien ihoss ghaliha ma' dak li kien ihoss ghat-tfajla li huwa kien ihobb izda li kien qata' minn maghha, skond huwa ghaliex il-genituri ma kenux approvaw tali unjoni. Dawn id-dubji tieghu baqghu mieghu sal-gurnata tat-tieg u esprimihom fl-apert ma' l-istess hbieb tieghu ghalkemm jidher li zamm kollox mistur mill-genituri tieghu u mill-istess konvenuta.

Illi fil-fatt dawn id-dubbji ta' l-attur dwar ir-relazzjoni tieghu ma' l-attrici kienu verament rejali tant li baqghu jezistu tul ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta sakemm infirdu b'separazzjoni, u f'dan l-isfond huwa inutili ghall-attur, li jipprova ghan-nuqqasijiet tieghu, jipprova jitfa' r-responsabbilta' tieghu fuq il-konvenuta, b'dan li jiggudika l-istess fuq kemm kienet taghmel facendi d-dar, kemm kienet tiehu hsieb it-tarbija li kellhom u diversi allegazzjonijiet li saru minnu fil-konfront tal-konvenuta. Dawn jista' jkunu minnhom u certament ma wasslux sabiex itejbu r-relazzjonijiet bejniethom, izda dak li huwa relevanti ghall-kaz odjern ma humiex dawk kemm il-konvenuta kienet kapaci tkun mara tad-dar jew omm, kif lanqas huma relevanti l-kapacitajiet ta' l-attur f'xoghlu jew

fid-dar, izda dak li huwa vitali ghall-pendenza odjerna u ghas-soluzzjoni taghha, huwa l-animu li l-attur dahal bih f'dan iz-zwieg.

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-attur kellu difeett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewwga mal-konvenuta *stante* li kien ghal kollox nieqes minnu fil-konfront ta' l-attrici kull element ta' mhabba u emozzjoni u x-xewqa li huwa jghix hajja komunali ma' l-istess, anzi mill-provi prodotti jidher li huwa kien kompletament distanzjat minnha emozzjonalment u zzewwigha biss ghaliex kienet il-persuna li pprezentat ruhha fil-hin ezatt meta huwa ddecieda li kien wasal iz-zmien li jizzewweg, u dan huwa ghamlu meta fil-fatt kien jaf, u sa llum ghadu hekk jaf, li verament kien ihobb u ried jinghaqad ma' persuna ohra u mhux dik tal-konvenuta.
Illi dan kollu huwa ferm il-boghod mill-kunsens rikjest ghall-ghaqda solida u valida ta' zwieg bejn zewg partecipanti, u fix-xelta li ghamel l-istess attur li dahal f'dan iz-zwieg, *nonostante* l-fatt li kien jaf dan kollu, u specjalment li kien konxju tal-fatt li huwa qatt ma habb lill-konvenuta, iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-kunsens ta' l-attur, (u mhux tal-konvenuta kif qed huwa jippretendi fic-citazzjoni minnu pprezentata) kien fil-mument taz-zwieg vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabli lill-attur innifsu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti fl-24 ta' Gunju 1994 huwa null u bla effett legali skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur kif

hawn deciz *stante* li l-kunsens tieghu kien ivvizjat abbazi ta’ l-istess imsemmi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------